MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 42/2010

**FGL Entertainment Ltd
(C - 41655)**

**vs**

**Maria Angelica Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' hames mija u sebgha u hamsin ewro u tmienja u sittin centezmu (€557.68), somma rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta.

Illi nonostante l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza odjerna.

Bl-ispejjes u l-imghax legali b'effett mid-19 ta' Gunju, 2009 sal-pagament effettiv.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2010, il-konvenuta ammettiet illi hija kienet debitrici tas-socjeta' konvenuta.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, minhabba li kien hemm ammissjoni da parti tal-konvenuta li hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici, tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u sebgha u hamsin ewro u tmienja u sittin centezmu (€557.68), somma rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta.

Bl-ispejjes u l-imghax, kif mitluba kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------